**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 23 ta' Gunju 2023**

**<u>Rikors nru : 244/2023 AGV ;</u>**

**LD**

**VS**

**GC**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors Guramentat ta` LD :**

Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma:

1. Illi hija zzewwget lill-intimat GC nhar l-ghaxra (10) ta` Gunju tas-sena elfejn u sittax (10/06/2016) liema zwieg huwa registrat fir-registru Pubbliku ta` Malta bin-numru elf erba` mija u wiehed u tmenin zbarra elfejn u sittax (1481/2016) kif iccertifikat mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok 'A';

2. ILLI minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Corazon Mizzi tat-tlieta u ghoxrin (23) ta Mejju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (23/05/2022) li kopja tieghu tinsab hawn unita u mmarkata Dok 'B';

4. Illi r-rikorrenti qieghda tiddikjara illi hija ddekadiet mid-dritt li titlob il-manteniment permezz tal-kuntratt ta` separazzjoni hawn anness;

5. Illi ir-rikorrenti minn dejjem kellha u ghad ghandha residenza ordinarja taghha f`Malta;

6. Illi m`hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin de facto sa mis-sena elfejn u dsatax (2019) u llum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin;

7. Illi ghaldaqstant , jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-Ligi ghal-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet **LD** u G C u ghalhekk ir-rikorrenti LD titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha ;

**I.** **<u>TIDDIKJARA </u>**LI z-zwieg tar-rikorrenti li gie iccelebrat ma` G C nhar (10) ta Gunju tas-sena elfejn u sittax (10/06/2016) liema zwieg huwa registrat fir-registru Pubbliku ta Malta bin-numru elf erba mija u wiehed u tmenin zbarra elfejn u sittax (1481/2016) hu mahlul u li ghalhekk l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi,

**II.** **<u>TORDNA </u>**lir-registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet , biex dan ikun hekk registrat fir-Regitru Pubbliku.

**Rat illi l-intimat m'ghandu ebda oggezzjoni ghad-divorzju.**

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar l- 10 ta' Gunju 2016.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**